**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Ottubru 2020;</u>**

**<u>Rikors nru: 166/2020 AGV;</u>**

**AB**

**vs**

**CDE**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB,** datat 11 ta' Gunju 2020, fejn esponiet bir-rispett;

1. Illi huma izzewwgu Malta fil- 31 ta' Ottubru 2010 (ara dok A anness);
2. Illi minn daz-zwieg twieldu, FE fis- 6 ta' Settembru 2011 u GE fil-15 ta' Novembru 2013, kwindi t-tnejn ghadhom minorenni;
3. Illi l-partijiet ilhom seperati legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni redatt min-nutar Dr. Henri Vassallo datat 2 ta' Gunju 2020 (Ara Dok. B);
4. Illi ma hemm ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom ma jghixu flimkien bhala ragel u mara ghal aktar

minn 4 snin minn qabel huma sseparaw, illum ghandhom hajja totalment sperata minn xulxin;

5. Illi skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali, il-manteniment huwa pagabbli lill-mara limitatment ghall-interessi tal-minuri, dan l-obbligu qed jigi rispettat ai termini tal-artikolu 11 tal-istess kuntratt tas-separazzjoni personali;
6. Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg tal-partijiet;
2. Tordna lrregisrtur tal-Qrati sabiex fi zmien imoholli ghal daqshekk, javza lid-direttur tar-registru pubbliku sabiex jirregistra id-divorzju tal-partijiet fir-registru pubbliku.

**Il-Qorti rat** li fis-seduta tal-Hamis 29 ta' Otttubru 2020 rat li l-konvenut ma ghandux oggezzjoni ghat-talbiet u ghaddiet ghal sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet lill-partijiet.

Rat li gew soddisfatti r-rekwiziti kollha skond il-ligi ghall-ghoti tad-divorzju bejn il-partijiet.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**